# DRAWWIET, PURĊISSJONIJIET U ARMAR LI M'GĦADHOMX IŻJED

minn

CARMEL MALLIA S.Th. Dip; B.A. (REL. STUD.)

Iż-żminijiet jitbiddlu u aħna nitbidlu magħhom. Kollox hekk fid-dinja u allaħares ma kienx hekk għax kieku kollox jieqaf fejn ikun. Ir-raħal ta' Ħ' Attard għadda wkoll minn ħafna tibdil matul iż-żminijiet imma aħna nitkellmu biss dwar xi użanzi li għandhom x' jaqsmu ma' funzjonijiet, purċissjonijiet u armar tal-festa.

**IN-NOVENA TAL-MILIED**

Meta joqrob il-Milied nibdew inħejju ruħna għall-festa hekk kbira li fiha niftakru kemm ħabbna l-Mulej li bagħat lill-Ibnu l-waħdieni biex jeħlisna mid-dnub u l-mewt. Għalhekk issir in-Novena....disgħat ijiem ta' tħejjija għall-ġrajja hekk kbira u sabiħa. Imma żmien ilu ġo Ħ' Attard din in-Novena kienet issir fil-għodu kmieni fil-quddiesa tas-sitta. Kienet tkun quddiesa kantata mill-abbatini tar-raħal li kienu jitilgħu fuq l-orgni u mas-surmast Patist Gatt kienu jkantaw quddiesa pastorali tassew ħelwa. Għal din il-quddiesa anke t-tfal kienu jagħmlu hilithom li jattendu għaliex waqt il-priedka li kienet issir fil-quddiesa l-kappillan jew xi qassis ieħor kien fost kollox jirrakkonta xi 'fatt' li kien ikollu x'jaqsam mas-suġġett tal-priedka tal-ġurnata. Imbagħad wara l-quddiesa t-tfal kienu jmorru d-dar u jiktbu malajr il-'fatt' li jkunu semgħu għax imbagħad fl-aħħar tan-Novena l-kappillan ken jistaqsi lit-tfal biex jgħidulu dawk il-fattijiet li kien ikun irrakonta matul in-Novena u naturalment kien jagħti l-premijiet lil dawk li kienu jafugħuhom sew.......u t-tfal kienu jiġu bi ħġarhom avolja f' Diċembru u fil-għodu kmieni !

**IL-PRIEDKA TAL-VIA SAGRA**

Drawwa oħra li llum spiċċat minn Ħ' Attard kinet il-priedka tal- 'VIA SAGRA' li kienet issir f'wieħed mill-aħħar ħdud tar-Randan. Din kienet issir il-Ħadd wara nofsinhar. Il-Predikatur kien ifisser kull stazzjon tal-Via Sagra u bejn stazzjon u ieħor kien ikun hemm it-talb tas-soltu u mbagħad il-mużika bil-kantanti li kienu jkantaw biċċiet addattati għal-żmien il-Passjoni. Tistgħu taħsbu kemm kienet iddum din il-funzjoni meta niftakru li-Predikatur kien jagħmel erbatax-il priedka barra t-talb u l-mużika. Fl-aħħar kienet tingħata l-barka bir-relikwija tas-Salib imqaddes li kienet tinġieb mill-artal tal-Agunija. B'dankollu l-Knisja kienet tkun mimlija bin-nies għalkemm x'uħud kienu jieħdu okkażjoni waqt xi intervall tal-mużika biex imorru ġirja sad-dar kemm jieħdu xi ħaġa malajr malajr u jerġgħu lura lejn il-knisja. Anke l-Predikatur kien jinżel minn fuq il-pulptu wara s-seba' stazzjon biex ibill griżmejh.

**IL-PRIEDKA TAT-TLETT SIEGĦAT**

Priedka oħra twila kienet dik magħrufa bħala tat-'Tlett Siegħat'. Din kienet issir nhar il-Ġimgħa l-Kbira f'nofsinhar u kienet tibqa' sejra sat-tlieta. Il-Knisja f'dik l-aħħar ġimgħa tar-Randan kienet tkun fid-dlam għax it-twieqi kollha kienu jitgħattew u b'hekk kienet tinħoloq atmosfera tassew taqbel mal-kliem tal-Vanġelu: "X'ħin saret is-sitt siegħa, waqgħet dalma fuq l-art kollha sad-disa' siegħa." (MK. 15, 33)

Fuq it-tarġiet tal-artal maġġur kien jitwaqqaf kurċifiss kbir li kien jidomina l-presbiterju kollu. Wara l-kuċifiss kien ikun hemm sellum forċi u fuq quddiem tal-presbiterju qrib il-grada kienet

titpoġġa mejda twila miksija bid-drapp sabiħ. Kienet aktarx tagħtik l-impressjoni ta' sodda, saħansitra bl-imħadda.....imma niġu għall-priedka. Din kienet tinqasam f'seba' għax il-Predikatur kien ikollu jfisser is-Seba' Kelmiet li l-Imgħallem Ġesu' qal minn fuq is-Salib. Bejn kull spjega kien jerġa' jkun hemm il-mużika u l-kant. Imma l-aktar parti kommoventi kienet tkun l-aħħar parti meta l-Predikatur kien jistieden lill' Nikodemu u lil Ġużeppi minn Arimathea' biex iniżżlu lil Ġesu' minn fuq is- Salib. Kienu jkunu s-saċerdoti li jirrappreżentaw lil Nikodemu u lil Ġużeppi. Dawn kienu joħorġu u jitilgħu mal-forċi u bil-qima kollha kienu jneħħu l-imsiemer minn idejn il-kurċifiss; imma qabel dan kienu jgħaddu t-terħa bajda li kien ikun hemm imdendla mas-salib, madwar il-ġisem ta' Ġesu' u wara kienu jniżżlu bil-galbu kollu dak il-ġisem li kiejn ikull d-dirgħajn biċ-ċappetti u allura kienu jinżlu dritti mal-ġenb. Isfel kien ikun hemm saċerdoti oħra biex jieħdu f'idejhom dak il-ġisem u jqegħduh bil-qima kollha fuq il-mejda-sodda li ġa semmejna. Is-saċerdoti li niftakar jien kienu jkun Dun Serafin Galea u Dun Gużepp Dingli li kienu jitilgħu mas-sellum waqt li Dun Salv Griscti u aktarx Dun Pawl Pace kienu jirċevuh u jqegħduh għall-qima ta' kulħadd. Hawn il-Predikatur kien ikompli jqanqal lill-ġemgħa għall att ta' ndiema sinċiera u jistieden lil kulħadd biex jersaq lejn Ġesu' u jagħtih bewsa ta' mħabba. Kienet tassew priedka kommoventi li għaliha l-Knisja kienet timtela' daqs bajda.

## IL-KWINDIĊINA

Drawwa oħra kienet issir matul il-'Kwindiċina'. Din kienet tkun il-kurunella tal-ħajja tal-Madonna li kienet tibda mit-Tnissil bla Tebgħa sat-Tlugħ fis-sema tagħha. Din, fiż-żmien li niftakar jien kien igħidha Dun Ġużepp Dingli. Dik il-kurunella kien tgħallimha kulħadd u donnu kulħadd kien ikun jistennieha minn fomm Dun Ġużepp b'dik il-kantaliena partikulari tiegħu:

> Kulħadd ħieni lsienu jħoll - Ma' Marija nifirħu lkoll
>
> Għax fis-sema l-Anġli wkoll - Illum jidhru ferħanin
>
> Il-ferħ kbir ta'dir-Reġina - Hekkda ħelwa hekkda ħanina
>
> Għandu l-ferħ inissel fina - Minn ta' l-Anġli u l-Qaddisin.
>
> > O Marija kemm int grazzjuża Inti l-Omm l-iżjed glorjuża
> >
> > Inti l-Bint, inti l-Għarusa; Ta' l-Imqaddsa Trinita'
> >
> > Mela lilek o Marija, Aħna nagħtu kull foħrija
> >
> > Sabiex miegħek imħennija, niġu zgur fl-eternita'

Kemm kienet sabiħa ! Kienet biċċa xogħol ta' Dun Ludovik Mifsud Tommasi D.D. Kienet kurunella twila imma fiha kien hemm il-misteri kollha tal-ħajja ta' Marija ommna u kemm għamel magħha Alla l- Imbierek ! Kien fiha l-isbaħ meditazzjoni. Il-Funzjoni kienet titkompla sal-Barka u mmedjatament wara kienu jiġu sparati għadd ta' maskli minn ħdejn il-Knisja n-naħa tal-kampnar. Dari dik il-parti tat-triq kienet wisq qrib tal-Knisja għax kien għadha ma twessgħetx it-triq u għalhekk dawk il-maskli kienu biex ngħid hekk jiġu sparati minn ġon-nies għalkemm kienu jqiegħdu xi bankijiet mad-dawra tagħhom. Anġlu, li kien jisparahom kien juża niċċa imqiegħda f'tarf ta' stuta jew qasba twila u jisparahom wieħed wara l-ieħor.

## IL-VJATKU

Użanza qaddisa li illum inqatgħet, kienet il-Vjatku mogħti lil dawk li jkunu waslu fl-aħħar. Meta xi ħadd kien jidħol fl-agunija, it-tabib kien jordnalu l-aħħar sagramenti jiġifieri l-qrar, il-Griżma tal-morda u t-Tqarbin. Nies il-marid kienu jmorru l-Knisja u jgħidu dan lill-Kappillan li ma kienx jitlef żmien. Kienu jindaqqu tokki tal-Vjatku li kulħadd kien jagħrafhom u n-nies speċjalment it-tfal kienu jiġru lejn il-knisja biex jilħqu fanal ħalli jakkumpanjaw lil Gesu'



A

STELLA A.D. 1894 LEVANTINA



B



D



C

Sagramentat f'din l-aħħar mawra fid-dar tal-moribond. Kien jinġarr stendard zgħir aħmar u abbati kien idoqq qampiena zgħira tul it-triq kollha biex juri li għaddej Ġesu'. In-nies kienu joħorgu fil-bibien tagħhom għarkubtejhom biex jagħtu qima u jekk ikun dalam kienu jqegħdu l-lampi tal-pitrolju fit-tieqa. Fl-aħħar il-purċissjoni kienet tasal għand il-moribond. Is-saċerdot kien jibqa dieħel sa ħdejn il-marid u jagħtih l-aħħar sagramenti waqt li l-kleru u l-poplu kienu jinxteħtu għarkubbtejhom quddiem il-bieb tal-marid ikantaw il-litanija tal-Qaddisin kollha biex jitolbu għalih. Kien att ta' solidarjeta' mill-aqwa meta r-raħal kollu kien jitlob għall-bżonnijiet ta' wieħed minn ħutu. Illum il-vjatku għadu jsir imma b'mod privat.

### PURĊISSJONI NHAR L-GHID IL-KBIR

Sa qabel il-gwerra (1940 - 1943) nhar l-Għid kienet issir purċissjoni għall-Knisja tas-Salvatur li kien hemm fi Triq Notabile. Din il-purċissjoni kienet issir bħala temmija ta' wegħda għall-ħelsien mill-pesta.

### IT-TBERIK TAR-RIĦ

Nhar San Mark kienet issir purċissjoni oħra li fiha n-nies kienu jgħidu li jsir it-'Tberik tar-Riħ'. Oħrajn kienu jgħidu li kien isir 'It-Tberik tal-uċuh tar-raba'. Din ukoll m'għadhiex isir iżjed.

### PURĊISSJONIJIET F'CORPUS (Ritratti A, B)

Nhar il-Festa ta' Corpus kienu jsiru żewġ purċissjonijiet. Waħda filgħodu u l-oħra wara nofsinhar. Fiha kienu jieħdu sehem l-Għaqdiet kollha tar-Raħal kemm dawk Reliġjużi u kemm ukoll dawk Soċjali. Kienu jakkumpanjaw għadd sabiħ ta' Fratelli tas-Sagrament liema Fratellanza ilha mwaqqfa sa mill-1575. It-tfal kienu jilbsu żimarri ħomor - min kien jiħaq waħda ! F'nofs it-triq kienet issir waqfa f'kappella zgħira armata f'dar privata fi Triq Sant'Anton. Fl-antik kienet tal-Familja Sciortino, imbagħad għal xi snin għaddiet għand il-Familja ta' Andrea Fenech li miet xi disa' xhur ilu. Imma dan mar joqgħod band' oħra u għalhekk dik il-kappella ma baqgħetx tintrama f'dan il-post. Illum issir biss il-purċissjoni ta' wara nofsinhar.

### PURĊISSJONI FIT-TIELET ĦADD TAX-XAHAR

Kull tielet Ħadd tax-xahar kienet issir purċissjoni bis-sagrament wara l-Quddiesa Kantata. Fiha kienu jakkumpanjaw il-Fratelli tas-Sagrament. Kienet Purċissjoni qasira li ddur mal-kwartier Triq il-Mosta, Triq Pjazzetta u Triq il-Kbira lura lejn il-Knisja.

### FESTA TAL-QALB TA' ĠESÙ

Din il-festa kienet issir Ħadd fuq l-Ottava ta' Corpus. Fil-għaxija kienet issir purċissjoni tassew grandjuża. F'din il-purċissjoni kienu jinġiebu l-ġuvintur tas-Sależjani b'dik l-uniformi sabiħa tagħhom u kienu jiġu bil-banda biex jakkumpanjaw lit-tfal u lill-poplu fil-kant ta' l-innijiet. Ġie li flokhom inġiebet il-Banda ta' l-Istatut ta' San Ġużepp. Kienu jiġu mistiedna għadd ta' saċerdoti barranin jew xi komunità Reliġjuża bħad-Dumnikani jew Franġiskani. Kienu jakkumpanjaw il-Fratelli tas-Sagrament, u l-Għaqdiet kollha tal-Parroċċa. Għall-okkażjoni - qabel il Gwerra (1940-1943) kienet tintrama' tribuna ħdejn l-"Għajn tal-Bhejjem" li hemm fi Triq il-Kbira, u hemm kienet issir waqfa, issir il-Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Gesu` u tingħata l-barka. Aktar tard dik il-waqfa bdiet issir fi Triq San Duminku fid-daħla tad-dar tal-familja Pisani. Fir-ritratt 'C' jidher kif beda jintrama fil-bidu u fir-Ritratt 'D' jidher meta kien sar armar forma ta' arkatura fuq żewġ pilastri li kienu jżejnu dik il-kappella ċkejkna. Illum din il-waqfa qegħda ssir fil-Knisja żgħira ta' Sant'Anna li qegħda f'idejn il-membri tal-M.U.S.E.U.M.



E

## IL-BRIJU TA' SANTA MARIJA

Jekk nitkellmu dwar il-Festa prinċipali ta' Santa Marija nistgħu ngħidu li nqatgħet drawwa li f'Ħ' Attard kienet magħrufa bħala l- 'briju'. Din kienet tikkonsisti f'għadd ta'rġiel u żgħażagħ ilkoll bit-torċi f'idejhom. Kienu joqgħodu f'żewġ ringieli jħarsu lejn xuxlin u kienu jibdew minn xifer iz-zuntier madwar il-bieb u jestendu lejn it-Triq tal-Mosta skond kemm kien ikun hemm nies. Dan kien isir fl-aħħar parti tal-purċissjoni u l-Istatwa ta' Santa Marija kienet tgħaddi minn bejn dawk iż-żewġ ringieli fost id-daqq tal-baned u l-ferħ tal-poplu.

## IL-PAVALJUN TAL-QALB TA' GESU' (Ritratt E)

Dan il-Pavaljun kien jintrama nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' wara l-aħħar quddiesa - dak iż-żmien il-quddies kien isir biss fil-għodu - Kien jingħalaq l-altar bl-armar tat-taraġ li kien jibda minn tarf il-presbiterju u jibqa' tiela l-fuq aktar mill-altar maġġur. Imbagħad hemm fuq kien jintrama altar u fuqu jitqiegħed is-Sagrament għall-adorazzjoni tal-poplu. Fin-nofs kien jitqiegħed tapit wiesgħa xi ħames piedi u l-barra mit-tapit kienu jitqiegħedu kuruni sbiħ tal-ward u ħaxix. Imbgħad il-barra minn dawn il-kuruni kienu jitqiegħdu kwantita' kbira ta'xemgħa. Il-fuq minn dak l-altar kienu jitqegħdu żewġ kerubini qegħdin jaduraw. Il-fuq minnhom kien hemm purtiera irrakmata li warajha kien jinżamm is-sagrament fil-ħinijiet li ma jkunx espost. Imma niġu għall-pavaljun. Wara l-altar kienu jwaqqfu żewġ travi li jwasslu fil-għoli ħafna almenu sal-gwarniċun tal-knisja u magħhom kien jintrama il-pavaljun il-kbir. Kien iwassal minn tarf għall-ieħor tal-altar maġġur u jitla' il-fuq u jinġabar f'tuzell żgħir li fuqu kien hemm il-pelikan jitma liz-żgħar minn ġismu stess. Dan kien simbolu tal-Ewkaristija li fiha Kristu jitmagħna ġismu stess. Fil-għaxija meta kienet tidħol il-purċissjoni is-Sagrament kien jerġa jitpoġġa hemm fuq u l-qassisin kollha li kienu jkunu ħadu sehem fil-purċissjoni kienu jitilgħu wieħed wara l-ieħor u jinċensaw lis-Sagrament. Kien hemm min kien jibża' jitla' dak l-għoli kollu....u kellhom raġun ! Dan it-taraġ kien inħadem fil-post fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokjali. Baqa' jintrama bit-taraġ sal-1920 u wara baqa' jintrama biss il-pavaljun. Fil-fatt fil-festi kbar li kienu saru fid-dikjarazzjoni tad-domma tal-Assunta kien intrama u taħtu tpoġġiet l-istatwa ta' Santa Marija kif jidher fir-ritratt 'F'. Partijiet minn dan l-armar għadhom jeżistu. Il-Parti ta' fuq nett fejn hemm il-Pelikan, qegħda fil-Mużew tal-Knisja li hemm fiċ-Ċentru Parrokkjali u l-Parti fejn hemm l-Anġli jaduraw għadha tintrama f'Ħamis ix-Xirka fl-artal tar-repożizzjoni. Meta t-taraġ ma baqax jintuża aktar bdew jieħdu l-injam tiegħu biex jaħdmu armar
ieħor għall-Festa.

## ARMAR TAL-FESTA Ritratt G)

Fit-toroq prinċipali l-armar kien jikkonsisti f'kolonni bl-armi fuqhom u 'l fuq mill-armi kellhom raġġiera kbira. Mill-armi kienu joħorġu l-bandieri. Bejn dawn il-kolonni tal-bandieri kien hemm oħrajn bil-brazzi taż-żejt. Imbagħad kollox kien imgħaqqad permezz ta' filoxx kulurit u b'hekk it-triq kollha kienet tkun festa ta'kuluri kemm fil-filoxx u kemm fit-tazzi taż-żejt.

## IL-FAĊĊATA TAL-KNISJA (Ritratt H)

Il-faċċata tal-knisja kienet tintrama bit-tazzi taż-żejt. Kien ikun Mastru Karm Debono li kien jiddendel mal-pont biex iħażżeż id-disinn. Imbagħad xi rġiel tas-sengħa kienu jinżlu warajh biex iwaħħlu l-imsiemer fuq id-disinn. Imbagħad kien jiġi Salvu l-Farfett minn Ħaż-Żebbug li kien jorbot it-tazzi ma' dawk l-imsiemer. Xi drabi kien jarma Ġużepp tat-Tazzi minn Birkirkara. Mastru Karm kien ibiddel id-disinn minn sena għall-oħra. Darba ingħoġob ħafna d-disinn ta' 'Dielja' li kien għamel.



KIF KIEN JINTRAMA L-ARMAR FIL-BIDU LI SAR. INNOTA L-FILOXX KULURIT, IT-TAZZI TAZ-ZEJT U R-RAGGIERI.

G



H



F



**SANT' ANNA U SAN ĠWAKKIN** (Ritratt IA)

Fuq iz-zuntier madwar il-Bieb il-Kbir tal-Knisja kienu jintramaw żewġ pedistalli massivi u fuqhom żewġ statwi tassew sbiħ ta' Sant' Anna u ta' San Ġwakkin. L-istatwi spiċċaw għal kollox u l-pedestalli !.....darba kien hemm grupp ta' rġiel li kienu qed jaħsbu li forsi jirranġawhom. Dnub jaħasra jintilfu !

**IL-PIRAMIDI L-KBAR**

Fuq iż-żewġ naħat taz-zuntier il-barra minnu kien hemm żewġ biċċiet armar tassew għoljin. Dawn kienu magħrufin bħala l-'piramidi' li kienu xogħol Mastru Karm Debono. Fir-ritratt jidher l-għoli tagħhom. Jekk tosservaw sewwa taraw waħda minnhom dik li kienet tintrama n-naħa tal-kampnar, qegħda bejn il-Knisja u dak il-bini li jidher fuq wara. Biex tifhmu sewwa l-għoli tagħha innotaw li l-bandiera li għandu f'idejh l-Anġlu li kien magħruf bħala 'Auxilium Christianorum' - tilħaq sal-gwarniċun tal-kapitelli li hemm mal-pilastri prinċipali jiġifieri sa nofs it-tielet niċċa li hemm in-naħa ta' fuq. Kif taraw in-niċeċ huma vojta għax meta ttieħed ir-ritratt kienu għadhom ma sarux l-istatwi li hemm illum. Tant kienu grandjużi dawn il-piramidi li kienu gew użati fil-furjana fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar fl-1913. Ara r-ritratt 'I' b.

Fin-naħa ta' isfel tar-ritratt 'Ħ' tidher biċċa armar li llum spiċċat ukoll. Din qegħda fuq iċ-ċint taz-zuntier fil-lemin. Kienet biċċa armar li kien hemm oħra bħala n-naħa l-oħra. Kienet tispiċċa f'għamla ta' Qasrija li minnha kienu joħorġu l-brazzi bit-tazzi taż-żejt. Skond kif kien jgħid missieri Ġanni Mallia kienu l-aħħar biċċtejn xogħol li għamel fl-armar taħt id-direzzjoni ta' Mastru Karm Debono li kien jiġi kuġinuh.

Ħaġa nteressanti f'dak ir-ritratt hu dak il-bini li jidher fuq ix-xellug. Dan kien il-bini ta' madwar il-knisja, bini li twaqqa meta twessgħet it-triq u tniffdet ma' Triq il-Belt Valletta biex inħolqot triq ġdida Triq Tumas Dingli li kien l-arkitett tal- Knisja ta' Ħ'Attard. Dak it-twessigħ ħoloq gerħa kerha fl-aktar punt ċentrali tar-raħal li hu il-pjazza tal-knisja għax b'hekk il-knisja inkixfet minn wara......ħaġa li qatt ma kellha issir jekk tassew ridna nippreservaw il-karatteristika tar-raħal Malti. Issa kulħadd jaf, għax wara il-froġa kulħadd isir bravu, kulħadd jaf li l-karatteristika tar-raħal qegħda proprju fl-għadd ta' toroq li jieħdu lejn il-knisja, toroq dojoq kemm trid; imma li fl-aħħar iwassluk qisu b'sorpriża fil-pjazza tal-knisja meta titfaċċa quddiemek il-knisja. Biex tagħqad komplejna niftħu wkoll in-naħa tat-triq tal-Mosta. Qabel biex tara l-knisja kont trid tasal sa fejn illum hemm l-ispiżerija ST MARY.........illum dan l-aspett intilef u l-knisja nkixfet saħansitra minn ħdejn 'il-Palma'.

Dan li għidt għidtu b'għafsa ta' qalb.....imma jidher li m'inix waħdi għax proprju erba' snin ilu fl-1988 kienet saret 'exhibition' fiċ-ċentru parrokkjali li kienet imtella minn għadd ta' studenti tal-fakulta tal-arkittetura u Inġinerija Ċivili ta' l-Universita` ta' Malta li donnu ħassew il-ħtieġa li jissewwa dak l-iżball. Kienu offrew xi solluzzjonijiet fosthom li t-traffiku ma jgħaddix miċ-ċentru tar-raħal biex mą jkomplix jgħarraq is-sitwazzjoni. Barra dan kienu pproġettaw għadd ta' djar u ċentru ċiviku qrib il-knisja fi Triq Tumas Dingli b'mod li dak il-beraħ li hemm f'dik it-triq ma jibqax kif inhu. Anzi dik il-parti ssir biss għal min jgħaddi minnha bil-mixi. Għal dawk li jħobbu jsiefru jafu biżżejjed kif dawn il 'Pedestrian Areas' jeżisti f'kull belt antika ta' l-Ewropa!

**L-ARK TRIJONFALI** (Ritratt J)

Biċċa armar oħra li spiċċat kienet l-Ark Trijonfali li kien hemm eżatt quddiem il-Każin 'La Stella Levantina' kif kien magħruf dak iż–żmien. Ara stampa 'H'. Dan l-ark kien jitla' minn fuq żewġ kolonni kwadi li fuqhom kien jitqiegħed l-ark. Fuq nofs l-ark kien hemm pedistall li fuqu


IL-KURUNA LI
KIENET FI TRIQ
SANT' ANTON
L


IA


L-ARK —
XOGHOL TA' MASTRU
KARM DEBONO
J


K

kien jitqiegħed anġlu bl-istellarju f'idu qisu lest biex jinkuruna lill-Omm tas-Smewwiet fil-glorja tagħha. Fil-ġnub tal-pedistall kien hemm żewġ važuni sbieħ li minnhom kienu jitilgħu il-brazzi bit-tazzi taż–żejt. Għalkemm kien sabieħ ħafna, imma l-esiġenzi tat-traffiku kienu jitolbu li jitneħħa minn hemm. Kien sar fi żmien il-karettrun u l-bagħal għax daqshekk kien hemm wisa' biex tgħaddi minn taħtu. Mhux l-ewwel darba li ntlaqat minn xi karettun u jingħad li Wenzu Galea li kien pulizija mhux l-ewwel darba li kien jagħmel l-għassa qrib tiegħu. Ara stampa 'J'.

## IL-PEDISTALL TA' L-ANĠLU

Meta l-ark li semmejna spiċċa l-anġlu sab ruħu barra! Għalhekk kien inħadem pedistall apposta għalih li kien jitqiegħed fi Triq Sant'Anton proprju quddiem id-dar li fiha twelidt u għext għal tlieta u tletin sena.

Niftakar sewwa x'gost kont nieħu meta f'nofs il-kwindiċina kienet tasal il-ġurnata li fiha kienu jiġu jarmaw dak il-pedistall. Meta fl-aħħar il-pedistall kien ikun armat kien imiss lill-anġlu biex jitla' hemm fuq. Għalhekk kienu jistiraw il-ħbula bejn il-bjut minn naħa għall-oħra tat-triq titqiegħed taljola u fl-aħħar bil-mod il-mod l-anġlu kien isib postu, fil-ġnub tal-pedestall kien hemm qishom żewġ ħarriġiet jew xkaffi li fuqhom kienu jintramaw żewġ anġli żgħar li bħalhom kien hemm ukoll fuq it-trufej li għadhom jintramaw quddiem il-Knisja. Dawn darba ħadu tixriba sewwa għax kienet għamlet ix-xita f'Santa Marija... u nħallu. Dak iż–żmien ma kienx hemm dar waħda biss imma kien hemm tnejn u għalhekk l-anġlu kien protett biżżejjed mit-traffiku.... imma meta twaqqgħet id-dar l-oħra li kienet tal-familja Mangion l-anġlu sab ruħu f'periklu u għalhekk ma ntramax iżjed hemm. Ara ritratt 'K'.

## IL-KURUNA Stampa L

Biċċa armar oħra li ilha li spiċċat kienet il-'Kuruna' li kienet tintrama quddiem dak l-isqaq żgħir li hemm ħdejn Casa Bonavita fi Triq Sant'Anton. Kienet tintrama fuq żewġ kolonni li kellhom l-armi bil-bandieri. Imbagħad kien jitla' l-ark li kien jagħqqad iż-żewġ naħat. Fl-ark kien hemm id-drapp aħmar u fin-naħa ta' fuq kien imżejjen bit-tazzi taż–żejt. Fin-nofs naturalment kienet titla' l-kuruna li kienet tispiċċa n-naħa t'isfel bid-drapp miġbur forma ta' borża li kienet tinfetaħ meta l-istatwa kienet tasal taħt l-ark u kienu jaqgħu għadd ta' karti rqaq kuluriti fuq l-istatwa. Din bħall-ark kellha twarrab minħabba l-esiġenzi tat-traffiku.

## TIBDIL TAJJEB JEW ĦAŻIN?

Bħal kull ħaġa oħra it-tibdil fih it-tajjeb u fih il-ħażin. Kultant ma tistax taħarbu; imma f'xi każi bi ftit ħsieb wieħed jista' jevita li jfarrak dak kollu li hu antik. Għax ladarba tfarrak, ikun diffiċli li wara ssewwi l-ħsara. Fuq kollox ħaddieħor ħa ħsieb biex dak li twarrab almenu ġie merfugħ imqar biex jitqiegħed f'mużew biex dawk ta' warajna jkunu jafu x'kien jeżisti qabilhom!



IB